MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 671/2007

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Dylan Difesa, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-3 ta' jannar, 1987
u
Joseph Mary Difesa, iben Joseph, imwieled Valletta fil-21 ta' settembru, 1951

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli nhar il-ħadd, 25 ta' marzu, 2007, fuq il-Monti ta' San Ġakbu, Valletta, iffalsifikaw jew biddlu, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamlu użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew

sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, xjentement qegħdu fiċ-ċirkolazzjoni , biegħu jew żammew għandhom għall-bejgħ jew importaw għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbaħ b'qerq u cioe' 713 'optical diskettes' konsistenti f'DVDs u 'Playstation software';
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod ieħor irriproduċew, jew ikkupjaw, jew biegħu, qassmu, jew mod ieħor offrew għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha u cioe' 713 'optical diskettes' konsistenti f'DVDs u 'Playstation software';
lil Joseph Mary Difesa, waħdu –
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 et seq. tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tas-27 ta' ġunju, 2002, 27 ta' jannar, 2003, 3 ta' frar, 2005, 14 ta' lulju, 2005 u 25 u cioe' 713 'optical diskettes' konsistenti f'DVDs u 'Playstation software';ta' lulju, 2006 liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skond il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplati fl-artikoli 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' april, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Dylan Difesa ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 298(1)(a)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax (18) il-xahar mil-lum. Issib lill-imputat Joseph Mary Difesa ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(a)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni ta' l-oġġetti kollha eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------